**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 12**

It-Tnejn, 10 ta' Marzu 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1221, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 12.1 Talba

12.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 12.2 Ittri ta' Apoloġija

12.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 12.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

12.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 11 li kellhom jitlestew mis-Segretarju Eżekuttiv għadhom mhux lesti, għaldaqstant dawn ma ġewx approvati.

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

12.4.1 Is-Sindku rrimarka li f'rħula oħra saru xi proġetti u ġabru l-flus lura mill-fondi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, ħalli nivverifikaw nistgħux nieħdu xi flus lura għall-proġett Ġnien Kenn is-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li kien hemm fondi assoċjati ma' tali proġett u li f'laqgħa preċedenti kien ġie miftiehem li dawn il-fondi m'għandhomx jibqgħu assoċjati ma dak il-proġett iżda jibqgħu marbutin mal-kunsill għall-proġetti oħra.

12.4.2 SPI/SCI/8/2025 – Espressjoni ta' Interess – TagħnaTfal Skema għall-ulied il-kunsilliera datata llum 10 ta' Marzu 2025. Il-Kunsilliera qablu li m'għandhomx japplikaw għal tali skema.

12.4.3 Is-Sindku rrimarka li d-Dipartiment talab aktar informazzjoni rigward l-MOU li kien ġie diskuss fil-laqgħa b'urġenza u li huwa rrisponda għal tali domandi u qed nistennew risposta. Peress li s-Sindku ser ikun iċ-Ċina, huwa rrimarka li jekk nirċievu risposta fl-affermattiv għall-MOU, huwa lest li jiltaqa' magħhom sabiex tali MOU jiġi ffirmat. Irrimarka wkoll li għajr għall-MOU huwa mhu ser jiffirma xejn aktar qabel ma l-proposti/*agreements* ġodda li jiġu proposti jiġu kollha diskussi waqt laqgħa tal-kunsill.

## 12.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

12.5.1 Il-Viċi Sindku rrimarka li għall-pellegrinaġġ li sar f'Għajnsielem, ġie pprovdut is-servizz ta' trasport. Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jitħallas mill-kunsill.

12.5.2 Il-Viċi Sindku saqsa jekk għall-festa tar-raħal hux ser tingħata

għajnuna finanzjarja mill-Kunsill. Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata għajnuna bħas-snin preċedenti.

**12.6 Impjieg ta' Skrivan/a fi Skala 15**

12.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li s-Sibt li għadda saru l-intervisti għall-impjiet ta' Skrivan/a fi Skala 15, u li l-Bord ħejja r-rapport tiegħu. Il-Kunsilliera qablu unanimament mar-rapport u għalhekk Mrs. Marvic Attard Briffa ser tiġi ngaġġata bħala skrivana *full-time* fi skala 15.

**12.7 Materji Oħra**

12.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa' nforma lill-kunsilliera li reġgħu kellmuh rigward il-kunsill tat-tfal. Il-Kunsilliera reġgħu rrimarkaw li l-komunità' tal-Għasri hija waħda żgħira u għalhekk tkun problema sabiex jiġi ffurmat tali kunsill.

12.7.2 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li għandna nibgħatu *email* sabiex qabel il-festa jittella' x-*show* mill-pulizija u tal-*fire engine*. L-ispejjeż relatati mat-trasport għandu jitħallas mill-kunsill.

12.7.3 Rigward l-attività' relatata ma' *Region of Culture Gozo 2025*, il-kunsill ser joħroġ *leaflet* sabiex jara min hu interess li jagħti s-sehem tiegħu.

12.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li llum stess saret il-laqgħa fi Triq Wied Sara, preżenti kien hemm il-kuntrattur, il-perit tal-kunsill, l-Inġinier fi ħdan id-Dipartiment tad-Drenaġġ, il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi l-punti mqajjma. Is-Sindku rrimarka li l-kunsill għandu bżonn il-BOQ updejtjatha tax-xogħol li jrid isir, jekk dawn huma skont it-*tender* li hemm, tali xogħolijiet jistgħu jibdew. Jekk hemm xi varjazzjonijiet trid tinġab l-approvazzjoni mid-Dipartiment. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar iridu laqgħa mal-kunsill rigward ix-xogħolijiet żejda li jridu jsiru fi Triq Wied Sara. Il-kunsilliera jaqblu li jidħlu fi ftehim mall-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex l-istess ministeru jħallas ix-xogħolijiet żejda li m'humiex inklużi fit-*tender* sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda.

## 12.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

12.8.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-10 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 12.9 Tmiem il-laqgħa u data tal-lagħa li jmiss

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa 30 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |